# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/53

## tal-20 ta' Diċembru 2018

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam rigward il-proċeduri ta' konformità

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192(1) u 207(3), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE [1] u daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.

(2) Skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tadotta annessi addizzjonali għall-Konvenzjoni relatati ma' kwistjonijiet proċedurali, xjentifiċi, tekniċi jew amministrattivi.

(3) Fid-9 laqgħa ordinarja tal-Konferenza tal-Partijiet, li għandha sseħħ bejn id-29 ta' April u l-10 ta' Mejju 2019, il-Partijiet ser iqisu l-adozzjoni ta' anness proċedurali addizzjonali sabiex jintroduċu mekkaniżmu ta' non-konformità kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, billi l-anness proċedurali addizzjonali ser ikun vinkolanti fuq l-Unjoni.

(5) L-Unjoni tafferma mill-ġdid li huwa kruċjali li tiġi promossa u li jkun hemm impenn globali fir-rigward ta' implimentazzjoni aħjar tal-ftehimiet u l-istandards ambjentali multilaterali.

(6) Minħabba li l-Konvenzjoni taqa' kemm fil-kompetenza tal-Unjoni kif ukoll fil-kompetenza tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib għall-adozzjoni ta' mekkaniżmu ta' konformità, bil-għan li jkun hemm unità fir-rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet li ġejja għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam għandha tkun li jiġi appoġġat l-abbozz tal-att dwar il-konformità mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar għall-abbozz tal-att dwar il-konformità mehmuż ma' din id-Deċiżjoni, fid-dawl ta' żviluppi fil-Konferenza tal-Partijiet li ġejja, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. KÖSTINGER

*ANNESS*

**Abbozz ta' deċiżjoni RC-9/[]: Proċeduri u mekkaniżmi dwar il-konformità mal-Konvenzjoni ta' Rotterdam**

**Sottomissjoni minn …**

*Jiddeċiedi* li jadotta l-Anness VII tal-Konvenzjoni, li jistipula proċeduri u mekkaniżmi rigward il-konformità mal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, kif inhu inkluż fl-anness għad-deċiżjoni preżenti.

*Appendiċi*

**Anness VII: Proċeduri u mekkaniżmi dwar il-konformità mal-Konvenzjoni ta' Rotterdam**

(1) B'dan huwa stabbilit kumitat ta' konformità (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

***Membri***

(2) Il-Kumitat għandu jikkonsisti minn 15-il membru. Il-membri għandhom jiġu nnominati mill-partijiet u jiġu eletti mill-Konferenza tal-Partijiet abbażi ta' rappreżentanza ġeografika ekwa tal-ħames gruppi reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti.

(3) Il-Membri għandu jkollhom l-għarfien espert u l-kwalifiki speċifiċi fis-suġġett kopert mill-Konvenzjoni. Huma għandhom jaqdu dmirijiethom b'mod oġġettiv u fl-aħjar interessi tal-Konvenzjoni.

***Elezzjoni tal-membri***

(4) Fl-ewwel laqgħa tagħha wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-anness, il-Konferenza tal-Partijiet għandha teleġġi tmiem membri tal-Kumitat għal terminu wieħed, kif ukoll seba' membri għal żewġ termini. F'kull laqgħa ordinarja sussegwenti, il-Konferenza tal-Partijiet għandha teleġġi, għal żewġ termini, membri ġodda biex jissostitwixxu lil dawk il-membri li l-perjodu tagħhom fil-kariga jkun skada jew ikun se jiskadi. Il-Membri ma għandhomx iżommu l-kariga għal aktar minn żewġ termini konsekuttivi. Għall-finijiet ta' dan l-anness, "terminu" għandu jfisser il-perjodu li jibda fi tmiem laqgħa ordinarja waħda tal-Konferenza tal-Partijiet u li jintemm fi tmiem il-laqgħa ordinarja sussegwenti tal-Konferenza tal-Partijiet.

(5) Jekk membru tal-Kumitat jirreżenja jew inkella ma jkunx jista' jwettaq it-terminu jew il-funzjonijiet tiegħu b'xi mod ieħor, il-parti li tkun innominat dak il-membru għandha tinnomina sostitut biex iservi għall-bqija tat-terminu.

***Uffiċjali***

(6) Il-Kumitat għandu jeleġġi l-President tiegħu stess. Il-Kumitat għandu jeleġġi Viċi President u relatur, fuq bażi ta' rotazzjoni, b'konformità mar-regola 30 tar-regoli ta' proċedura tal-Konferenza tal-Partijiet.

***Laqgħat***

(7) Il-Kumitat għandu jospita laqgħat kif meħtieġ u kull meta jkun possibbli flimkien ma' laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet jew korpi oħra tal-Konvenzjoni.

(8) Suġġett għall-paragrafu 9 hawn taħt, il-laqgħat tal-Kumitat għandhom ikunu miftuħa għall-partijiet u għall-pubbliku, dment li l-Kumitat ma jiddeċidix mod ieħor.

Meta l-Kumitat ikun qed jittratta xi sottomissjonijiet skont il-paragrafu 12 jew 13, il-laqgħat tal-Kumitat għandhom ikunu miftuħa għall-partijiet u magħluqa għall-pubbliku, dment li l-parti li l-konformità tagħha tkun f'dubju ma taqbilx mod ieħor.

Il-partijiet jew l-osservaturi li għalihom tkun miftuħa l-laqgħa ma għandux ikollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-laqgħa, dment li l-Kumitat u l-parti li l-konformità tagħha tkun f'dubju ma jaqblux mod ieħor.

(9) Fejn issir sottomissjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità possibbli ta' xi parti, din għandha tiġi mistiedna tipparteċipa fil-kunsiderazzjoni tas-sottomissjoni mill-Kumitat. Madankollu, din il-parti ma tistax tipparteċipa fl-elaborazzjoni u fl-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni, jew fil-konklużjoni tal-Kumitat.

(10) Il-Kumitat għandu jagħmel kull sforz biex jilħaq ftehim b'kunsens dwar kwalunkwe kwistjoni ta' sustanza. Fejn dan ma jkunx possibbli, ir-rapport għandu jirrifletti l-fehmiet tal-membri tal-Kumitat kollha. Jekk ikunu ġew eżawriti l-isforzi kollha biex jinstab kunsens u jibqa' ma jintlaħaqx ftehim, bħala l-aħħar rimedju, kull deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza ta' 80 % tal-membri preżenti li jivvutaw, jew inkella bi tmien membri, skont liema waħda tkun l-ogħla. Il-kworum jintlaħaq b'għaxar membri tal-Kumitat.

(11) Fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kumitat, kull membru tal-Kumitat għandu jevita kull kunflitt ta' interessi dirett jew indirett. Meta membru jsib ruħu ffaċċjat minn kunflitt ta' interessi dirett jew indirett, jew ikun ċittadin ta' parti li l-konformità tagħha tkun f'dubju, dak il-membru għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kumitat għall-kwistjoni qabel din tiġi kkunsidrata. Il-membru kkonċernat ma għandux jipparteċipa fl-elaborazzjoni u fl-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat relatata ma' dik il-kwistjoni.

(12) Jistgħu jsiru sottomissjonijiet bil-miktub, permezz tas-Segretarjat fejn japplikaw is-subparagrafi (a) u (b), minn:

(a) Parti li temmen li, minkejja l-aqwa sforzi tagħha, mhijiex jew mhijiex se tkun tista' tikkonforma ma ċerti obbligi skont il-Konvenzjoni. Sottomissjoni bħal din għandha tinkludi dettalji dwar liema obbligi speċifiċi huma kkonċernati u valutazzjoni tar-raġuni għalfejn il-parti tista' ma tkunx kapaċi tissodisfa dawk l-obbligi. Fejn possibbli, jistgħu jiġu pprovduti informazzjoni ta' sostenn jew parir dwar fejn tista' tinstab informazzjoni ta' sostenn bħal din. Is-sottomissjoni tista' tinkludi suġġerimenti għal soluzzjonijiet li l-parti tqis li jistgħu jkunu l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet partikolari tagħha.

(b) Parti li hija affettwata direttament, jew li x'aktarx se tiġi affettwata direttament, min-nuqqas allegat ta' parti oħra li tikkonforma mal-obbligi tal-Konvenzjoni. Parti li tkun beħsiebha tagħmel sottomissjoni skont dan is-subparagrafu jenħtieġ li tikkonsulta mal-parti li l-konformità tagħha tkun f'dubju qabel tagħmel dan. Is-sottomissjoni jenħtieġ li tinkludi dettalji dwar liema obbligi speċifiċi huma kkonċernati, kif ukoll informazzjoni li ssostni s-sottomissjoni, inkluż kif il-parti hija affettwata jew x'aktarx li tiġi affettwata.

(13) Sabiex il-Kumitat jivvaluta xi diffikultajiet possibbli ffaċċjati mill-partijiet fl-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont l-Artikoli 4(1), 5(1) u (2) u 10 tal-Konvenzjoni, malli jirċievi l-informazzjoni mis-Segretarjat ipprovduta minn dawn il-Partijiet skont dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jinnotifika lill-parti bil-miktub rigward il-kwistjoni kkonċernata. Jekk il-kwistjoni ma tkunx ġiet riżolta fi żmien 90 jum permezz ta' konsultazzjoni mal-parti kkonċernata mwettqa permezz tas-Segretarjat, u l-Kumitat ikompli jqis il-kwistjoni, huwa se jagħmel dan b'konformità mal-paragrafi 16 sa 24.

(14) Fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievi dawn is-sottomissjonijiet, is-Segretarjat għandu jibgħat is-sottomissjonijiet li jkunu saru skont is-subparagrafu 12(a) hawn fuq lill-membri tal-Kumitat, biex jiġu kkunsidrati fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat.

(15) Fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievi xi sottomissjoni li tkun saret skont is-subparagrafu 12(b) jew skont il-paragrafu 13, is-Segretarjat għandu jibgħat kopja lill-parti li l-konformità tagħha mal-Konvenzjoni tkun f'dubju kif ukoll lill-membri tal-Kumitat, biex din tiġi kkunsidrata fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat.

(16) Partijiet li l-konformità tagħhom tkun f'dubju jistgħu jippreżentaw tweġibiet jew kummenti fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti deskritti fid-deċiżjoni preżenti.

(17) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 16 hawn fuq, informazzjoni addizzjonali pprovduta minn parti li l-konformità tagħha tkun f'dubju b'reazzjoni għal sottomissjoni, għandha tintbagħat lis-Segretarjat fi żmien tliet xhur mid-data li fiha tkun ġiet riċevuta s-sottomissjoni ta' dik il-parti, dment li ċ-ċirkustanzi ta' każ partikolari ma jkunux jeħtieġu perjodu ta' żmien estiż. Din l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa immedjatament lill-membri tal-Kumitat biex tiġi kkunsidrata fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat. Fejn tkun saret sottomissjoni skont is-subparagrafu 12(b) hawn fuq, is-Segretarjat għandu jibgħat l-informazzjoni wkoll lill-parti li tkun għamlet is-sottomissjoni.

(18) Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li ma jipproċedix b'sottomissjonijiet li huwa jqis bħala:

(a) De minimis;

(b) Evidentement ibbażati fuq informazzjoni żbaljata.

***Faċilitazzjoni***

(19) Il-Kumitat għandu jqis kull sottomissjoni li titressaq quddiemu b'konformità mal-paragrafu 12 jew b'sostenn għall-paragrafu 13 hawn fuq, bil-ħsieb li jistabbilixxi l-fatti u l-għeruq ta' dak li jkun ikkawża t-tħassib, kif ukoll biex jgħin fir-riżoluzzjoni tagħha, filwaqt li jqis l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni. Għal dak il-għan, il-Kumitat jista' jipprovdi lil parti b':

(a) Parir;

(b) Rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti;

(c) Kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex il-parti tiġi megħjuna tiżviluppa pjan ta' konformità, inklużi kronoloġiji u miri.

***Miżuri possibbli biex jiġu indirizzati problemi ta' konformità***

(20) Jekk, wara li jwettaq il-proċedura ta' faċilitazzjoni stipulata fil-paragrafu 19 hawn fuq u jieħu inkunsiderazzjoni l-kawża, it-tip, il-grad u l-frekwenza tad-diffikultajiet fil-konformità, inklużi l-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi tal-partijiet li l-konformità tagħhom tkun f'dubju, il-Kumitat iqis bħala meħtieġ li jipproponi miżuri ulterjuri biex jindirizza l-problemi bil-konformità ta' parti partikolari, huwa jista' jirrakkomanda lill-Konferenza tal-Partijiet, filwaqt li jżomm f'moħħu l-kapaċità tagħha skont l-Artikolu 18, il-paragrafu 5(c), tal-Konvenzjoni, biex hija tqis il-miżuri li ġejjin, li għandhom jittieħdu b'konformità mad-dritt internazzjonali biex tinkiseb il-konformità:

(a) Aktar appoġġ taħt il-Konvenzjoni għall-parti kkonċernata, inkluża l-faċilitazzjoni, kif xieraq, tal-aċċess għal riżorsi finanzjarji, assistenza teknika u bini tal-kapaċità;

(b) Tipprovdi parir rigward il-konformità fil-futur sabiex tgħin lill-partijiet jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, kif ukoll biex tippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha;

(c) Titlob lill-Parti kkonċernata biex tagħti aġġornamenti dwar l-isforzi tagħha;

(d) Toħroġ dikjarazzjoni ta' tħassib rigward in-nuqqas ta' konformità possibbli fil-futur;

(e) Toħroġ dikjarazzjoni ta' tħassib rigward in-nuqqas ta' konformità attwali;

(f) Titlob lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippubblika l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità;

(g) Tirrakkomanda li s-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità tiġi indirizzata mill-parti mhux konformi, bl-għan li tiġi riżolta s-sitwazzjoni.

***Trattament tal-informazzjoni***

(21) (1) Il-Kumitat jista' jirċievi informazzjoni rilevanti, permezz tas-Segretarjat:

(a) Mill-partijiet;

(b) Minn sorsi rilevanti li huwa jqis bħala neċessarji u xierqa, bil-kunsens minn qabel tal-parti kkonċernata jew kif dirett mill-Konferenza tal-Partijiet;

(c) Mill-mekkaniżmu ta' koordinament tal-Konvenzjoni u l-organizzazzjonijiet intergovernattivi rilevanti. Il-Kumitat għandu jipprovdi lill-Parti kkonċernata b'din l-informazzjoni u għandu jistedinha tippreżenta l-kummenti tagħha dwarha.

(2) Il-Kumitat jista' jitlob ukoll informazzjoni mis-Segretarjat, fejn xieraq, fl-għamla ta' rapport dwar kwistjonijiet li jkunu qed jiġu kkunsidrati mill-Kumitat.

(22) Għall-finijiet tal-eżaminar ta' problemi sistemiċi ta' konformità ġenerali skont il-paragrafu 25, il-Kumitat jista':

(a) Jitlob informazzjoni mill-partijiet kollha;

(b) B'konformità mal-gwida rilevanti mill-Konferenza tal-Partijiet, jitlob informazzjoni rilevanti minn kwalunkwe sors affidabbli u esperti esterni; u

(c) Jikkonsulta mas-Segretarjat u jagħmel użu mill-esperjenza u l-għarfien tiegħu.

(23) Suġġett għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Kumitat, kwalunkwe parti u kwalunkwe persuna involuta fid-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għandhom jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali.

***Monitoraġġ***

(24) Il-Kumitat ta' Konformità jenħtieġ li jimmonitorja l-konsegwenzi tal-azzjonijiet meħuda b'konformità mal-paragrafi 19 jew 20 hawn fuq.

***Problemi ġenerali ta' konformità***

(25) Il-Kumitat ta' Konformità jista' jeżamina problemi sistemiċi ta' konformità ġenerali li jinteressaw lill-partijiet kollha, fejn:

(a) Il-Konferenza tal-Partijiet titlob dan;

(b) Abbażi tal-informazzjoni mill-Partijiet li tingħadda lis-Segretarjat u tiġi ppreżentata lill-Kumitat, filwaqt li dak tal-ewwel jaġixxi skont il-funzjonijiet tiegħu taħt il-Konvenzjoni, il-Kumitat jiddeċiedi li hemm bżonn li problema ta' nuqqas ta' konformità ġenerali tiġi eżaminata u li jsir rapport dwarha lill-Konferenza tal-Partijiet.

***Rapporti lill-Konferenza tal-Partijiet***

(26) Il-Kumitat għandu jippreżenta rapport għal kull laqgħa ordinarja tal-Konferenza tal-Partijiet, li jirrifletti:

(a) Ix-xogħol li l-Kumitat ikun wettaq;

(b) Il-konklużjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat;

(c) Il-programm ta' ħidma futur tal-Kumitat, inkluża l-iskeda tal-laqgħat mistennija li huwa jqis bħala neċessarji għall-issodisfar tal-programm ta' ħidma tiegħu, għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Partijiet.

***Korpi sussidjarji oħra***

(27) Fejn l-attivitajiet tal-Kumitat fir-rigward ta' kwistjonijiet partikolari jirkbu fuq ir-responsabbiltajiet ta' korp ieħor tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tiddeċiedi lill-Kumitat biex jikkonsulta ma' dak il-korp.

***Kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' ftehimiet ambjentali multilaterali oħra***

(28) Fejn rilevanti, il-Kumitat jista' jitlob informazzjoni speċifika, fuq talba tal-Konferenza tal-Partijiet jew direttament, mill-kumitati ta' konformità li jittrattaw sustanzi u skart perikolużi taħt l-awspiċji ta' ftehimiet ambjentali multilaterali rilevanti oħra, u jirrapporta dwar dawn l-attivitajiet lill-Konferenza tal-Partijiet.

***Rieżami tal-mekkaniżmu ta' konformità***

(29) Il-Konferenza tal-Partijiet għandha tirrieżamina regolarment l-implimentazzjoni tal-proċeduri u l-mekkaniżmi stipulati f'dan l-Anness.

***Relazzjoni mas-soluzzjoni ta' tilwim***

(30) Dawn il-proċeduri u l-mekkaniżmi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni.